# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 20 ta' April 2018**

**Rikors Numru: 766/2009**
**Kawza Numru: 11**

**Rikors ta' Joseph Grech (ID 196326(M) personalment u bhala uzufrutwarju tal-mejta mart l-istess mittenti, Maria Concetta Grech, Mario Grech (ID 515152(M), Emanuel sive Lino Grech (ID 45360(M) u Carmelo sive Charles Grech (ID 587562(M) bhala eredi universali u padruni assoluti tal-gid kollu tal- mejta ommhom Maria Concetta Grech u b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 2013, l-atti gew trasfuzi f'isem Charlette Grech (ID 145987(M), Maria Grech Muscat (ID 366589(M) u Analise Grech**

**Muscat (ID 340594(M) stante l-mewt ta' Emanuel sive Lino Grech**

**Vs**

**Nazzareno Grech**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramenta ta' Joseph Grech (ID 196326(M) personalment u bhala uzufrutwarju tal-mejta mart l-istess mittenti, Maria Concetta Grech, Mario Grech (ID 515152(M), Emanuel sive Lino Grech (ID 45360(M) u Carmelo sive Charles Grech (ID 587562(M) bhala eredi universali u padruni assoluti tal-gid kollu tal- mejta ommhom Maria Concetta Grech, datat 5 t'Awwissu 2009, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti Joseph Grech huwa mizzewweg lil Maria Concetta Grech u huwa missier il-konvenut filwaqt li r-rikorrenti l-ohra huma hut l-istess konvenut.*

2. *Illi xi seba snin ilu l-konvenut mar joqghod mal-genituri tieghu izda wara sentejn l-konvenut ippossess lil ommu Maria Concetta Grech u jekk ma taghmilx li jrid kien ikun pront isawwatha.*

3. *Illi missier l-intimat rah lill-istess intimat ikaxkar lil martu fl-art u r-rikorrenti zewgha Joseph Grech kien jipprova jzommu izda mbaghad kien jibda jsawwat lill-istess missieru.*

4. *Illi l-intimat kien anke qata t-telephone u l-qanpiena tal-bieb ta' barra biex il-genituri tieghu ma jkollhom komunikazzjoni ma' hadd u lanqas ikunu jistghu jkellmu t-tfal.*

5. *Illi l-genituri tal-intimat ghamlu diversi rapporti l-ghassa ta' Haz-Zabbar dwar swat kawzati mill-intimat izda kull darba kienu jahfrulu.*

6. *Illi fil-11 ta' Novembru 2008 r-rikorrenti Joseph Grech rraporta l-ghassa ta' haz-Zabbar li l-intimat seraqlu d-deheb u sahansitra offra Ewro 500 lill-intimat biex itih lura d-deheb u meta ghaddielu Ewro 200 akkont sab l-kaxxa tad-deheb li ghaddielu l-intimat kienet vojta.*

7. *Illi d-deheb li seraq l-intimat minghand missieru huwa girakori twal, il-polka ta' missier il-mara, labra, zewg chokers, choker ta' iben ir-rikorrenti Joseph Grech, Twanny Grech, arlogg tad-deheb tal-istess Twanny, cappetta wiesgha minn dawk l-anikti jghidula "tal-kanuna", zewg pari imsielet tad-djamanti, salib, zewg crieket tad-djamanti, wiehed tahulha zewgha r-rikorrenti u l-iehor tahulha hu l-istess zewgha.*

8. *Illi mart ir-rikorrenti Joseph Grech mietet fl-14 ta' Awissu 2008 u halliet lir-ragel ir-rikorrenti Joseph Grech uzufrutwarja u lill-uliedha r-rikorrenti l-ohra biss bhala eredi universali taghha. (Dok A –certikat tal-mewt).*

9. *Illi l-intimat kien ikaxkar lill-ommu u jgielha tiffirma r-rilaxx ta' flus mill-kontijiet li kellha u tghaddihom lilhom inkella xebgha u kien jehodha diversi drabi ghan-nutara li jaghzel hu biex thalli lilu u imbaghad il-mara minn warajh kienet terga tmur u thassar it-testmenti u dan kif jigi pruvat waqt din il-kawza.*

10. *Illi l-intimat kien anke jigbor il-kirjiet tar-rikorrenti missieru u jzommhom ghalih minghajr ma jinforma biss lill-missieru.*

11. *Illi r-rikorrenti jikkalkulaw li l-flus li seraq u/jew ha b'qerq l-intimat lir-rikorrenti jammonta ghal eluf kbar ta' ewro.*

12. *Illi r-rikorrenti sabu li l-intimat ghandu diversi investimenti fuq ismu, karozza Mercedes mhux fuq ismu, mar zewg cruises u dan meta l-istess intimat ma jahdimx;*

13. *Illi nonostanti li l-konvenut gie interpellat sabiex irodd lura l-flus li ha appartenti lir-rikorrenti u jersaq ghall-hlas tad-danni minnu kkawzati huwa baqa inadempjenti;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *tiddikjara li l-konvenut intimat kkawza danni lill-atturi rikorrenti;*
2. *tiddikjara li l-konvenut intimat huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi rikorrenti bl-agir tal-istess konvenut intimat;*
3. *tillikwida d-danni konsegenzjali subiti mill-atturi rikorrenti okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi ;*
4. *tikkundanna lil konvenut intimat sabiex ihallas lill-atturi s-somma li tigi hekk likwididata minn din il-Qorti;*

*B'rizerva ta' dokumenti ohra mehtiega f'din il-kawza u bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju 2009 u tal-mandat ta' sekwestru nru kontra l-konvenut intimat.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Nazzareno Grech datata 25 ta' Awwissu 2009, a fol 9 et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi qabel xejn l-atturi jippruvaw li huma l-uzufruttwarji u l-eredi universali rispettivament tal-mejta Maria Concetta Grech.*

2. *Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tieghu stante illi m'huwiex minnu illi huwa sawwat jew b'xi mod seraq jew nganna lill-atturi kif qed jinghad.*

3. *Illi konsegwentement m'ghandu jaghmel tajjeb ghall-ebda danni.*

4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Fis-seduta tat- 28 ta' April 2011, dehret Dr Maxilene Pace li assocjat ruhha fil-patrocinju tar-rikorrent.(Vide fol 233)

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Ottubru 2013, li bih laqghet t-talba tar-rikorrenti ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju fis-sens illi l-interess li kellu l-attur Emanuel sive Lino Grech f'din il-kawza odjerna jghaddi fil-werrieta tieghu u cioe' it-tlett (3) uliedu Charlette Grech (i.d.145987(M), Maria Grech Muscat (i.d.366589(M) u Analise Grech Muscat (i.d.340594(M) . (Vide fol 521)

Rat il-verbal tat-30 ta' Ottubru 2013, fejn Dr.Ellis informa lill-Qorti illi gie mahtur bhala avukat tal-ghajnuna legali li kien qed jippatrocinja lill-konvenut.(Vide fol 532)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ezebiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni finali;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur Joseph Grech a fol 70 et seqq tal-process xhed** illi huwa missier il-konvenut u l-konvenut kien gie joqghod mieghu u ma' martu ghal habta tas-sena 1999/2000. Fil-bidu kien igib ruhu sew izda wara sentejn beda jzieghel b'ommu u johrogha u ghamel pussess kbir fuqha. Beda sahhansitra jaqla l-inkwiet bejnu u bejn martu u spicca biex, jekk martu ma taghmilx dak li ried l-konvenut, l-istess konvenut kien iswwatha. L-attur xhed li ra lill-konvenut *"ikaxkarha kemm-il darba fl-art"* u meta kien imur biex jiqaflu kien jispicca jigi msawwat hu ukoll.
*"Kien jobzoq f'wicci u jsawwatni u jtini bil-ponn u jkellimni hazin"* – vide fol 70.
L-attur zghid li ibnu il-konvenut qata' it-*telephone* u l-qanpiena tal-bieb ta' barra biex jaqta' il-kommunikazzjoni bejnu u bejn l-ulied l-ohra tieghu, u li fil-bidu ma urihom b'xejn.

L-attur xhed li kien ghamel rapport l-ghassa ta' Haz-Zabbar kontra l-intimat, izda mbaghad hu u martu kienu hafrulu. L-attur xhed li kien jaghti l-flus tal-pensjoni lil martu kif ukoll tal-kirjiet, u dak li hallielhom Twanny – u cioe' xi LM500 fix-xahar izda ma kienux iservuha ghax l-konvenut kien jispicca johdilha kollox. Qabel ma giet intavolata il-kawza, kien qed jaghtiha kwazi LM900 fix-xahar. Sahansitra l-intimat kien ha c-cavetta tas-*safe* tad-dar minn idejn Maria Concetta Grech izda wara dan, l-attur zammha ghandu.
Fil- 11 ta' Novembru 2008, il-konvenut seraq d-deheb ta' ommu u l-attur ghamel rapport lill-Puluzija. L-attur talab lill-konvenut jirritorna d-deheb u offrielu €500 jekk jaghmel dan. Infatti kien tah €200 akkont, izda l-konvenut tah kaxxa vojta. Id-deheb li kien ha l-konvenut huwa indikat b'mod dettaljat f'paragrafu 13 a fol 71.

Apparti dan, l-attur kien biegh bicca art ghal LM70,000 – u sab biss LM15,000 fil-bank ghaliex l-konvenut kien jiehu lil martu l-bank u jgieghelha tiffirmalu ghall-flus. L-attur xhed li d-dar taghhom kienet maqsuma fi tlett (3) appartamenti li jinkrew izda l-konvenut kien jigbor il-kera taghhom u jzommhom ghalih. L-attur kellu ukoll hanut tieghu f'St. Domenic Street Zabbar li kien jinkera u l-konvenut kien izomm ghalih din il-kera ukoll.

L-attur xhed li meta kienu jzuruhom uliedu l-ohra, hu u martu dejjem bl-iskuzi biex dawn imorru lura lejn djarhom ghaliex l-konvenut kien jinsisti li jkeccuwhom.

Gimgha qabel ma mietet martu, l-konvenut kien tahha xebgha kbira tant li giet rekoverata l-isptar. L-attur xhed illi l-konvenut kien ha t-tisjir f'idejh u hlief ghagin bil-*corned beef* u qassatat u pastizzi ma kienx jaghtihom.

L-attur xhed li l-konvenut kien jiehu lil martu sabiex taghmel testament u thalli kollox lilu (lill-konvenut) u ghalhekk l-attur kien jakkompanja lill-martu biex jergghu jhassruh. **Dan sehh diversi drabi ma diversi nutara.**

L-attur xhed illi kien biegh post f'Lia Street Zabbar ghal LM 15,000 u kien jigbor s-segwenti kirjiet:

- €500 fix-xahar, 27 St. Anthony street M'Scala
- €230 fix-xahar, Flat 4 Mary Flats Triq d-Dugh M'Scala
- €390 fix-xahar, hanut 21 St.Domnic street Zabbar
- €420 mghaxxijiet fuq wirt t-tifel Twanny.
- Di piu' martu kellha *fixed deposit* ta' LM3,180 Bov u LM4,000 *fix deposit* Bank Of Valletta u €17,951 mal-Global Capital Gzira.

L-attur kellu ukoll *joint accounts* ma' martu ta' Lm49,904 fi tlett (3) akkonti separati – li minnhom, wara il-mewt ta' martu sab biss €1,761.

Mill-akkonti ta' martu hargu s-segwenti:

- Dok E – Dec 2003/4 – LM1,462
- Dok F – Dec 2004/5 – LM5,269
- Dok G – Dec 2005/6 – LM5,666
- Dok H *Fixed Deposit* ta' LM4,000 inghalaq
- Dok O *Fixed Deposit* ta' LM3,182 inghalaq
- Dok J - Inghalaq ukoll il-kont mal- Global Capital

L-attur isostni li l-flus li hadlu ibnu ghalhekk jammonta ghal LM69,483 ekwivalenti ghal €161,851.

L-attur xhed li ibnu kien separat minn ma' martu u ma kienx jahdem halli ma jaghtix manteniment. Kien dejjem bl-ilbies fin u tad-ditta, mar zewg (2) *cruises* u xtara karozza tip

*Mercedes*. Apparti hekk wara l-mewt ta' martu, l-konvenut investa €52,000 mal-Island Financial Services Ltd; ghandu *safe deposit box* il-Bank Of Valletta, Life Insurance ma' Global Capital Life Ins. Ltd (Dok I) u investimenti ma' Middlesea Valletta (Dok N).

L-*istatements* tal-akkonti bankarji tal-attur u martu u l-investimenti tal-intimat jinsabu a fol 75 sa a fol 118 cioe' "Dok A" sa "Dok O".

**Fl-affidavit tieghu, Mario Grech a fol 119,** xhed illi meta miet huh Twanny, ma kien halla xejn fil-wirt lil Nazzareno u minn dakinhar il-qaghda fid-dar ta' ommhom inbidlet.

Xhed li l-intimat kien johrog lill-ommu u beda jinnota dbengil fuq il-polz ta' ommu izda hija qatt ma kienet tghid xejn . Meta kienu jmorru jarawha bil-kemm setghu jitkellmu ghaliex kien ikun hemm l-intimat.

Darba ra lill-intimat isuq bil-qawwa meta ommu kienet fil-karozza mieghu. Mario xhed li meta huma kienu johorgu mid-dar tal-genituri taghhom, il-konvenut kien isakkar bil-firolli. Meta hu, Mario kien jghid lil-genituri illi jekk jigrilhom xi haga, hadd ma jkun jista' jilhaqhom, ommu kienet dejjem tghattilu. L-istess kien jigri meta l-intimat kien isiefer, kienet tghattilu billi tkompli ma' dak allegat mill-intimat cioe' li l-intimat kien siefer ghaliex rebah *cruise.*

Di piu' kien difficli anke biex ikellem lill-genituri tieghu bit-*telephone,* ghaliex l-linja dejjem kienet tkun *engaged.* Ghalhekk kien xtara *mobile* lil missieru pero l-intimat kien jahbiehulu u jbiddillu is-*settings* u sahansitra darba minnhom anke xarrabulu.

Kienu heggew lill missierhom biex imur ghal *counselling* ghand Centru Hidma Socjali u meta komplew jheggu lil missieru biex jerga' jmur, saru jafu li xi hadd kien hassrilhom l-appuntament.

L-intimat kien dahhal hafna annimali fid-dar tal-genituri, kwantita' ta' ghasafar, 6 iqtates u kelb u meta hutu kienu jilmentaw bl-irwejjah, l-initmat kien jaqbad *air freshner* u jisprejja u jivga lill-genituri mod iehor.

Mario Grech xhed li darba ra lill-intimat ixejjer daqqa ta' ponn fuq ras ommu u hadha ghand t-tabib u l-ghassa tal-puluzija, izda wara ommu kienet hafret lill-intimat.

Mario xhed li l-intimat kien beda johrog lil ommu fil-hinijiet li fihom kienu is-soltu jzuru l-ommhom.

Meta kienu jippruvaw jifthulha ghajnejha, l-omm kienet tghidilhom biex joqghodu kwieti ghaliex l-intimat kellu *revolver* u li kien jasal u li kellu hafna hbieb. (Vide 122, para 22)

Wara l-mewt ta' Twanny, l-flat ta' Wied il-Ghajn, wirtuh t-tfal tieghu (ta' Mario Grech). Meta mar fil-flat, sab nieqes t-tlett (3) *air conditioners* u kamra tas-sodda – irrizulta li dawk kienu gew mibjugha lill-gara mill-intimat stess, li zamm il-flus ghalih. Fid-dar tal-ġenituri tieghu, l-intimat ghandu kamra msakkra bil-hwejjeg tieghu personali.

**Emmanuel Grech a fol 124 ikkonferma x-xhieda ta' Mario Grech u xhed** illi kienu saru jafu li l-intimat kien seraq lil missierhom LM400. Huwa sostna li l-intimat kien hareg lil ommu bil-forza mill-isptar kontra il-pariri tat-tobba taghha. Xhed ukoll illi kien xtara Mercedes minkejja li dan kien ilu ma jahdem ghal ghaxar (10) snin. Di piu' ommu qabditu jghid lill-bejjiegh biex jgholli l-prezz ta' dak li kienet qed tixtri biex wara jiehu l-flus hu stess (l-intimat).

**Carmelo Grech a fol 125 xhed** illi huh l-intimat kien ghamel minn kollox biex izomm lilu u lil hutu milli jikkomunikaw mal-genituri taghhom u jzuru lill-genituri taghhom. Xhed illi ghalkemm kellu cavetta tad-dar tal-genituri, l-intimat kien isakkar il-bieb ta' barra bil-firolli halli hadd ma jidhol u jhalli lil hutu wara l-bieb. Di piu' kien qata' il-qanpiena tal-bieb u tal-*intercom*. Kien qieghed tapp tal-luminata taht ir-*receiver* halli t-*telephone* jkun dejjem *engaged*. Sahansitra anka wara li xtraw il-*mobile* lil missierhom, l-intimat kien iqeghdulu fuq *voicemail* u darba minnhom tefghahulu fl-ilma.

Peress illi l-genituri tieghu kellhom l-uzufrutt fuq il-proprjeta ta' Twanny, hu kien jghaddilhom ammont ta' flus favur dan l-uzufrutt permezz ta' *cheque*. Beda jinduna mill-*internet banking* illi l-firem fuq ic-*cheques* ma kienux jaqblu mal-firma ta' missieru. Carmelo Grech xhed illi l-intimat kien waqqaf lil martu milli tmur taghmel xahar ommu, kif ukoll mill tmur tnaddaf ghandha.

Minkejja li kien izur lill-genituri tiehgu kull nhar ta' Hadd, il-genituri kienu jsibu kull skuza biex ma jdumux hemmhekk. Apparti dan, bil-kwantita' ta' annimali li dahhal l-intimat fid-dar tal-genituri, kien hemm irwejjah insapporatabbli.

**Meta kien isaqsi lil ommu dwar il-marki u dbengil fuq idejha, hija kienet tghidlu li ghamilhomlha il-kelb. Gimgha qabel ma mietet, ommu kienet rekoverata l-isptar, kellha wiccha minfuh u ghajnejha maghluqa bin-nefha.**

**Joe Borg Cardona a fol 132** ezebixxa Dok 1 sa Dok 10. Konsistenti f'ghaxar (10) *Bank accounts* tal- Bank Of Valletta. (Vide fol 134)

**Brian Farrugia a fol 135 et seqq**, xhed illi ma sab ebda vettura registrata fuq isem l-intimat pero sab tlett (3) vetturi f'isem l-attur, cioe' Datsun N 2038, Datsun Cherry IAB 576 u Kia Avella ABH 724.

**Jean Claude Bugeja xhed** li ma kien hemm ebda investimenti f'isem Maria Concetta Grech, **izda kien hemm investiment f'isem Nazzareno Grech b'*cheque* mahrug fuq il-Bank Of Valletta** mill-Middlesea Insurance datat 7 ta' Lulju 2008 u l-investiment sar fid-19 ta' Settembru 2008 **f'ammont ta' €52,000** u ezebixxa JCB 1[1], JCB 2[2], JC 3[3]. B'ordni tal-Qorti tal-Magistrati ingibdu €5,000 f'Settembru 2009 u fit- 22 ta' Marzu 2010 regghu ingibdu €5,000 ohra (Dok JBC JC 4 u JC 5[4]).

**Jospeh Borg Cardona mill-Bank Of Valletta a fol 145** xhed li hemm ***safe custody box* f'isem l-intimat biss.**

**Stephanie Crieten, Manager mal-Borza ta' Malta, a fol 146** kkonfermat bil-gurament li ma hemm ebda depoziti jew registrazzjoni mal-Borza ta' Malta f'isem Maria Concetta Grech.

**Colin Aquilina ghall-Rocs Group a fol 155 xhed** li ma kien hemm ebda investiment f'isem l-intimat jew Maria Concetta Grech.

**Stephen Cachia mill- ADT a fol 157** ikkonferma li l-vettura *Mercedes* 9KPJ 594 kienet registrata f'isem Stephen Attard. ( Dok SC 1 afol 159)

**Jean Claude Bugeja reprodott a fol 162**, *Managing Director* ta' Island Financial Services Ltd, ipprezenta prospett bl-investimenti tal-initmat. (Dok XX1 a fol 165 u l-ammonti msarfa minn Nazzareno Grech a fol 166.)

**Romould Attard mill-Bank of Valletta a fol 176 xhed** li *fixed deposit account* f'isem Maria Concetta inghalaq minna u gie trasferit *f'saving account* fit-8 ta' Novembru 2007 - Dok XXI, gie ezebit XX2 *statment* tal-istess kont, l-*istatment* tas-*saving account* gie ezebit

[1] Vide fol 147
[2] Vide fol 148
[3] Vide fol 149
[4] Vide fol 150 u 151

XX3. Kien hemm ammont iehor f'isimha li ngibdu fis-17 ta' Lulju 2006 (Dok XX4). Kien hemm akkont iehor f'isem l-attur u martu u dan inghalaq u gie trasferit f'kont iehor (Dok XX5 u XX6).

**Kien hemm *fixed account* iehor f'isem Maria Concetta Grech u l-flus gew trasferiti lil Stephen Attard – f'ammont ta' €7110 – vide Dok XX7 u XX8**

**Romould Attard reprodott a fol 235 xhed** li kien hemm *safety deposit* box f'isem Reno Grech 52, Felice Street, Zabbar – Dok XYZ1 a fol 239. **Dan gie maghluq fis- 16 ta' Marzu 2009 – Dok XYZ 2 a fol 243.**

**Fl-affidavit tieghu a fol 246 Mario Bonnici xhed** li jaf lill-intimat ghaliex kien jikri l-post minghandu – cioe' 27, St. Anthony Street, Marsascala **u dejjem hallas lilu**. Skont il-kuntratt Dok A[5], **il-kera kienet LM70 fix-xahar**. Xhed li emmen li l-intimat kien sid il-post. Bonnici **xhed ukoll li kien baqa jhallas il-kera lill-intimat sat-28 ta' Settembru 2007 b'total ta' LM2252.70 u LM70 deposit.**

**Fl-affidavit tal-attur Dok A, a fol 261, l-attur** jaghti aktar dettalji ta' dak li hu u martu sofrew bl-ghagir ta' binhom Reno (l-intimat) tul hajjithom u hu xhed li kien l-intimat li kien jiehu lil martu Maria Concetta Grech ghand il-psikjatri u jbellalha diversi pinnoli. Xhed li l-intimat kien jhedded lil martu li jekk ma ttihx flus, kien ser jaghmel mandat lil hutu. L-attur xhed li martu kienet ammettiet illi kienet tat lill-intimat LM8,000 biex ma jghaqlax inkwiet. L-attur zied jghid li fl-ahhar xahrejn ta‘ hajjitha martu Maria Concetta Grech kienet bil-kemm tiflah timxi izda l-intimat kien johrogha kulljum u jhalliha barra sal-10.00p.m. Fis-sena 2007 kienet taghtu Lm10,000. L-attur xhed ukoll dwar l-istat imwiegher tal-igene fid-dar wara l-mewt ta' martu:

***"Hemm gew sar qisu mizbla ghax ma kien jaghmel xejn....."***

**Fl-affidavit Dok B tal-attur, a fol 266, l-attur** xhed li ma kien veru xejn li l-intimat kien idur bih u l-mara tieghu, kuntrarjament ghal dak li gieghel lil martu tnizzel bil-miktub. L-attur stqarr li sal-2006 meta kien ghadu haj Twanny, l-konjugi Grech kienu ghadhom b'sahhithom u kienu jiehdu hsieb taghhom infushom apparti li kienu jgibu fattiga ukoll biex

[5] Vide fol 247

tahsel l-artijiet. Di piu' jekk u meta l-intimat ghamel xi haga, kien jithallas fil-pront. Ikkonferma li l-intimat kien ha lill-martu ghand diversi psikjatri u *"kull wiehed beda jzid il-pilloli"*, tant li gieli lanqas kienet tiflah timxi, allura l-intimat kien *"ikaxkara biex johrogha bilfors"*. (Vide fol 266)

Huwa sostna li fl-ahhar snin – 2006 u 2007 *"xogholu kien kif ser jisraq flusna"* (vide fol 267). F'Dok C, a fol 268, l-ahhar testment ta' Maria Concetta Grech, l-istess Grech iddezereditat lill-initmat u fir-raba paragrafu ddikjarat li hi u zewgha soffrew *"diversi azzjonijiet mohqrija, ingurji serji, theddid u swat kif jidher fic-certifikati annessi... u serq ta' flus minghandi..."*

It-tlett ritratti Dok D u E a fol 273, juru l-griehi li soffriet Maria Concetta Grech.

Ir-ritratti Dok H sa Dok Y, a fol 276 sa 293 juru l-istat ta' nuqqas ta' igene tad-dar tal-attur.

**Ramould Attard a fol 317** ikkonferma li hu kellu zewg mandati ta' sekwestri ta' €75,000 u ta' €260,000 – 1911/09 u 1223/09.

**Dorianne Attard a fol 320 xehdet** illi meta Maria Concetta Gech kienet tidhol il-bank mal-intimat, kienet hi li tghidilha x'ridet taghmel – pero' kienet debboli hafna, u kienet tkun imbikkma ghaliex kien ghadu kif mietilha binha. Ikkonfermat illi Maria Concetta Grech kienet taghmel *withdrawals* normalment izda gieli ghamlet xi trasferimenti.

**Mario Bonnici a fol 324** fl-affidavit ulterjuri xhed li l-intimat kien jghidlu biex jonxor fuq gewwa halli ma jidhrux koroh il-hwejjeg minxurin. **Bonnici stqarr illi kien jifhem li dan sar sabiex il-genituri tal-intimat ma jindunawx li l-post kien qieghed jinkera.**

Fid-digriet finali l-Qorti kif diversament preseduta cahdet it-talba ghal revoka tal-Mandat ta' Sekwestru 1223/09, intavolat mill-intimat kontra missieru u hutu. (Vide fol 329-333)

**L-Onorevoli Dr.Stephen Spiteri a fol 351** xhed illi huwa kien it-tabib u gieli invista lil-attur u martu Maria Concetta Grech. **Huwa stqarr li fl-ahhar vista kien sab lil Maria Concetta Grech f'qaghda kritika, kellha qtugh ta' nifs u kellu jirreferiha l-isptar. Ikkonferma li kellha dbengil, di piu' ma setghax jaghti l-kagun tad-dbengil, ghaliex Grech ma kienitx konxja.**

**Geraldine Borg a fol 356 xehdet** illi hija kienet taqdi fil-bank lil Maria Concetta Grech li kienet tigi akkompanjata mill-intimat. Borg xehdet li gieli rat lil Maria Concetta tibki waqt li kienet il-bank. Borg xhedet illi setgha kien il-kaz li Maria Concetta kienet mbezza' u inkwetata, dan jghodd ukoll ghall-attur. Hija sostniet illi t-transazzjonijiet bankarji li ghamlet Maria Concetta Grech kienu l-aktar *withdrawals.*

**In-re ezami Borg xhedet** illi kien hemm istanti fejn l-intimat kien jipprova jizzattat izda Borg kienet tghidlu biex iwarrab. Borg xehdet illi kien hemm zmien meta saret emenda fl-istruzzjonijiet bankarji sabiex il-*withdrawals* isiru fil-prezenza taz-zewg konjugi Grech ***"pero din saret wara"*** (Vide fol 365).

**Lucienne Attard a fol 361 xehdet** illi ghamlet xi zmien tikri l-fond Flat 4, St Mary's Marsascala. Kienet tikrih m'ghand Reno Grech b'kuntratt u b'kera ta' €100 fix-xahar. Il-kera kienet ghal tul ta' kwazi sentejn u kienet dejjem thallas lilu personali. Ipprezentat kopja ta' l-iskrittura tal-kera li mmarkat Dok XX1. Attard xhedet illi l-intimat kien qallha li setghet tiehu l-ghamara tal-kamra tas-sodda u z-zewg *air-conditioners* u hekk ghamlet. Sussegwentement kien kellimha hu l-intimat u l-*air-conditioners* jinsabu merfuha. In kontro-ezami xhedet illi hija lesta li tirritorna l-*air-condtioners* lil hut l-intimat.

**In-Nutar Patricia Hall a fol 378** et seqq xhedet li Maria Concetta Grech kienet giet ghandha u ghamlet testmenti kemm pubblici kif ukoll sigrieti. Kienet giet akkompanjata mill-intimat, izda in-nutar kienet kellmitha waheda. Hall xhedet ukoll li Maria Concetta Grech kienet qaltilha li l-intimat gieli refa' idejh fuqha u li xtaqet tiddezeritah u ghamlet testment sigriet f'dan s-sens fl-14 ta' Gunju 2006.
Apparti dan t-testment, Maria Concetta Grech kienet ghamlet testmenti pubblici ohra. Hall xhedet li kien ikun l-intimat li jcempel biex jaghmel appuntament f'isem ommu. Meta kienet akkompanjata mill-intimat, Maria Concetta Grech qatt ma fethet qalbha man-nutar.
Hall ma ftakkritx jekk meta ghamlet t-testment sigriet, kienitx giet akkompanjata minn zewgha l-attur.

**In-Nutar Patricia Vella Haber a fol 385** ezebiet u kkonfermat t-testment PVH1 a fol 386.

**Stephen Attard a fol 382** kkonferma li l-intimat xtara karozza Mercedes Benz minn ghandu. Wara diversi kontradizzjonijiet, Attard ikkonferma li kien gie mhallas mill-intimat

parti *cash* u l-bqija permezz ta' Bank draft. (Vide Dok XY1 u XY2). Attard xhed illi minkejja li hu thallas tal-karozza, l-intimat qatt ma pprezenta ruhu ghat-*transfer* minkejja li baghtlu zewg ittri bl-avukat. Apparti dan, Attard hareg il-flus biex ikopri l-*insurance* u l-licenzja tal-karozza meta l-intimat kien il-habs. Ta' dan qatt ma thallas u illum l-karozza qeghda b'multa ta' €2 kuljum, li dawn il-multi jizdiedu fuq ismu (isem Attard). Attard ikkonferma li max-xiri tal-Mercedes, sar tpartit ta' Toyota Tercel stmata LM2000. Attard **xhed li fil-verita' il-Mercedes kienet tiswa' €11,000 u ghamilha €13,000 ghaliex talbu l-intimat: *"Qalli forsi naqla lira minnha."*** (Vide fol 387). Attard ezebixxa Dok Z1 sa Z4 (Fol 401-404).

**Spettur Fabien Fleri a fol 418 xhed** li kienu saru diversi rapporti minn Maria u Carmelo Grech kontra l-intimat – fuq glied u griehi u ezebixxa Dok FF1, 2 u 3 wara wiehed mir-rapport Maria Concetta Grech kienet giet rekoverata l-isptar. Gie esebit ukoll Dok FF4 rapport maghmul minn Carmel u Maria Grech dwar il-kera minn flat, St Anthony Street Marsascala kif ukoll rapport dwar serq ta' flus u oggetti ta' deheb liema kas kien ghadu pendenti

**Christine Borg, Executive mill-ETC** ezebiet Dok XX1 l-*employment history* tal-intimat **(vide fol 440) li juri li l-intimat hadem sal-1991.**

**Nutar Roland Wadge a fol 442 kkonferma** li Maria Concetta Grech ghamlet 5 testmenti ghandu, u rrevokat l-ewwel zewg testmementi. N-Nutar Wadge xhed li Grech kienet tigi akkompanjata minn binha Nazzareno Grech.[6]
N-Nutar Wadge xhed li Nazzareno Grech kien jaghmel l-appuntamenti li kien ikun prezenti waqt li Maria Concetta Grech tkun qed taghmel t-testment, hlief ghal okkazzjoni wahda. Minkejja li n-Nutar Wadge sostna li l-intimat ***"was pushing her over the borderline"*** (vide 445), **hi minn naha taghha, ma kienitx ta' karattru debboli.** N-nutar ezebixxa Dok YY1 sa YY5 a fol 447.

**N-Nutar Charles Vella Zarb ikkonferma li t-testmenti a fol 42 u 61** tal-process gie redatt minnu. N-Nutar Zarb xhed li normalment l-appuntament kien isir mill-attur Guzeppi Grech. N-Nutar Zarb xhed li Maria Concetta Grech riedet thassar bil-qawwa t-testment li kienet

[6] Vide Dok XY1-XY2 a fol 399, 400

ghamlet f'Ottubru ghaliex ma kienx skond r-rieda taghha, il-ghaliex kienet giet mehuda ghand xi nutar minn terza persuna – forsi binha Reno.
**Muri t-testmenti li Maria Conceta Grech riedet thassar, Nutar Zarb xhed li l-attur kien qallu diversi drabi li sahansitra l-intimat kien jerfa idejh fuqhom. (Vide fol 469)**

**Jean Claude Bugeja a fol 475 xhed** li hu jahdem ma' Island Financial House. Bugeja xhed illi l-intimat ghandu nvestiment b'valur ta' €31,833.60 u *cash balance* ta' €6531.52. L-ahhar *withdrawal* sar b'ordni tal-Qorti fit-12 t'April 2010 u kien fl-ammont ta' €5000, u ezebixxa Dok JCB (Vide fol 477 sa 492).

**Romuald Attard a fol 494 ikkonferma** li l-intimat kellu *safety deposit box* di piu' sostna li l-Bank Account 15101888035 jappartjeni lil Joseph u Cettina Grech u l-Bank Account 40016719730 jappartjeni lill-intimat ID629254(M).

**Dr Elenia Micallef Grimaud a fol 498** Avukat mal-Middle Sea Valletta Life Insurance Company Limited xhedet illi l-*Life Policy* FP434603 tappartjeni lill-intimat. Inbdiet fid-19 ta' Gunju 2007 – ghal 12-il sena – hija a *single premium policy*. Inghata l-ewwel lump sum ta' €37269.97 *in cash*, sar pagament ulterjuri ta' €9,317.49 f'Dicembru 2007 u iehor ta' €6,404.40 f'Jannar 2008.
**Din il-*policy* giet terminata mill-intimat f'Lulju 2008 u l-ammont ta' €52,994.87 gie mhallas lill-intimat.** Dr Micallef Grimould xhedet li l-intimat kellu *Polza Investment – Comprehensive Enrollment Policy* 5100016 li bdiet fit-3 ta' Frar 1995 li timmatura fit- 3 ta' Frar 2015 li fiha thallsu €4,131.36 u hemm arretrati ta' €9,750.63 apparti €2,456.07 f'interessi. (Vide fol 503). Dr Micallef Grimaud xhedet li l-attur ghandu *insurance policy* FB459562, **hija *single premium policy* ta' €16,000 u ghadha attiva. (Vide fol 505)**

**Stephanie Cretien a fol 511** xhedet li ma kien hemm ebda investimenti f'isem l-intimat mal-Borza ta' Malta.

**Permezz ta' nota tat-22 ta' Ottubru 2014,** l-attur ezebixxa kopja tal-process Kriminali fl-ismijiet *Il-Puluzija vs Nazzareno Grech* – Vide fol 547 sa 876.
F'dawn il-proceduri regghu tennew u kkonfermaw ix-xhieda taghhom l-attur u hut l-intimat.
Kif irrizulta mix-xhieda a fol 329 PS Reuben Saliba mill-kmamar ta' l-intimat gew misjuba u elevati kwantita' konsiderevoli ta' skieken, snieter, airguns, revolver u cross bow bil-

vleggeg, harpun u kwantita' ta' munizzjoni – kif jidher mill-lista Dok FF3 a fol 595 u 596. Ix-xhieda fil-process kriminali tindkludi dik tan-nutara u l-ufficjal tal-Banek.

**Nazzareno Grech a fol 883 et seqq xhed** illi x-xhieda tal-attur u ta' hutu kienet *"kollu gideb"* ghaliex kellu dokument li ommu kienet ghamlet – testment – li fih stqarret li kien idur biha. Huwa pprova jezebixxi "testment" li filfatt nstab kopja ta' affidavit li ma giex effettivament ezebit.

L-intimat spjega li hu kien ghaddej minn separazzjoni personali minn ma' martu u kien qieghed jghix wahdu u ommu stidnietu jmur jghix maghhom. Di piu' kien miet huh (Twanny) bil-cancer fl-2005 u ghalhekk hu (l-intimat) kien jiehu lil ommu ghand *"kull psikjatra li hawn"* (Vide fol 883C) ghaliex kellha *breakdown*. L-intimat ilmenta ukoll li Twanny ma hallielu xejn fil-wirt.

L-intimat jghid li kien johrog lil ommu ta' sikwiet fuq struzzjoni tal-psikjatri taghha. Kien hadha ghand il-psikjatri Dr Etienne Muscat, Dr Borg, Dr Curmi, Dr Bonnici u Dr Joseph Cassar. L-intimat xhed illi missieru kien tip li joqghod d-dar u ma kienx ikun irid johrog. L-intimat cahad li qatt ma refa jdejh fuq missieru anzi jghid li dan ghamel testament fejn hallielu €10,000. Lanqas ma kien veru li jsawwat lil ommu u jkaxkaraha. L-intimat ikkonferma d-dokument ezebit a fol 44 fejn ommu Maria Concetta Grech, mhux missieru – kitiblu €10,000. Xhed li kieku kien *"ikaxkarha"* zgur li ma kienitx thallielu l-uzufrutt tad-dar u €10,000.

Jichad li kien jaqta' t-*telephone* tad-dar tal-genituri u l-qanpiena tal-bieb ta' barra tad-dar taghhom. Hu xhed illi dak li kien jigri kien li kien jieqaf l-arlogg tad-dawl. L-intimat xhed li kienet l-ordni ta'missieru li ma jiftahx il-bieb ghal kulhadd. (Vide fol 883). Di piu' qal li t-*telephone* ma kienx ikun maqtugh, anzi hutu kienu jcemplu lil ommu ta' spiss biex jghawwuha kontra tieghu.

Lanqas ma kien veru li l-genituri tieghu kienu ghamlu hafna rapport lill-puluzija kontra tieghu - ***"Lanqas wiehed m'hemm rapport l-ghassa."*** (Vide fol 883I)

Moghti it-twissija mill-Qorti, l-intimat xhed li ma deherlux li kien hemm rapport fuq swat. Mistoqsi repetutament dwar dan, l-intimat jghid ***"Le ma kienx hemm zgur"***. (Vide fol 883I).

Dwar s-serq ta' deheb tal-genituri tieghu, din l-allegazzjoni ukoll kienet gidba. Anzi meta gie arrestat mill-pulizija, dan d-deheb kien fil-kaxxa tad-deheb tas-*safe* tal-genituri tieghu.

L-intimat xhed li ommu ma kienitx tavda lil zewgha l-attur ghaliex kien izommha nieqsa mill-flus u kien itieha bl-ezatt kemm tghaddi. L-intimat xhed li ommu, malli tqum kienet

tghid *"jiena l-hena tieghi nivvendika ruhi mill-flus minhabba fih (zewgha l-attur)"*. Ezebixxa Dok NG1 sa NG20 – ritratti li juru l-oggetti kollha li ommu kienet tixtri.

L-intimat sahaq li biex jigbdu il-flus, il-genituri tieghu kienu kostretti jkunu t-tnejn prezenti l-Bank biex jiffirmaw. Ghalhekk l-allegazzjoni dwar il-gbid ta' fondi mill-Bank ma jirrizultax.

A fol 883P, l-intimat ikkonferma li l-proceduri kriminali kontra tieghu ghadhom ma ntemmewx.

Xhed illi ommu kellha bicca art Marsascala li bieghet u li kienet tixtri li trid u tofnoq hafna flus. Sahhansitra xtrat salott tal-gilda li jiswa €1,700 u *television* kbir.

Rigward l-allegazzjoni ta' serq ta' hafna flus minn ghand il-genituri tieghu, l-intimat jghid li anke din kienet gidba ghaliex ommu kienet ittieh il-flus minn jeddha u dan ghaliex kien jiehu pacenzja ta' Job fil-konfront taghha. (Vide fol 883R). L-intimat xhed illi xi sentejn qabel ma mietet, ommu bdiet turi sinjali ta' dementia.

Jghid li hutu kienu jigu jzuru lil ommhom kuljum izda kienet n-nurse li kienet tahsel lil ommu.

L-intimat, ghad-domanda tal-Qorti jekk kienx jahdem, irrisponda li kien importatur tal-ghodda (Vide fol 883U), izda fl-ahhar sentejn meta ommu qalbet ghal-aghar, kien jindukruha u jahdem mid-dar - ***"Il-punt krucjali kien li jien ghamilt xahrejn il-habs ghax ma marx jiffirma ismi. Huma riedu jsibuni kontumaci, fethu din il-kawza biex jiena ma nirrispondiex."*** (Vide fol 883U).

L-intimat ma setghax jiftakar meta spicca jahdem. – Huwa xhed li l-allegazzjonijiet li minkejja li ma kienx jahdem, hu ghamel diversi investimenti, xtara Mercedes u mar xi *cruises*, kienu kollha allegazzjonijiet fierha. Apparti li kien rebah *cruise* tal-GO, l-intimat xhed li hu mar – Santorini, Turkija, etc..

**Charles Grech in kontro-ezami a fol 911 et seqq** ikkonferma x-xhieda tieghu u qal li sa sentejn qabel mietet ommu, ommu kienet tmur ghandu kull nhar ta' sibt generalment. Wara dan, l-intimat beda jzommha milli tmur ghandu. Charles Grech xhed li, ommu kienet tmur ghandu sa xi xahar u nofs qabel mietet u li l-intimat kien gabha fi ***"stat disastrus".*** (Vide fol 914).

Charles Grech rega' ikkonferma li ommu kienet **tibza hafna mill-intimat u dejjem issib l-iskuzi ghall-griehi u d-dbengil li kien ikollha f'idejha u fuq il-persuna taghha**. Ommu tant kienet tibza mill-intimat, li ma kienet tghid xejn lil Charles fuq dak li kien qed jaghmlilhom l-intimat, waqt li missieru kien jghidli b'mod indirett.

Charles Grech xhed li ommu kienet tohrog mal-intimat ghaliex kien ikaxkarha (Vide fol 920). Ma setghax jiftakar jekk kienx mar ghand il-pulizija dwar il-kwistjoni tal-firem tac-cheques li bihom hu kien ihallas lill-genituri ghal uzufrutt ta' proprjeta' mhollija minn Twanny, izda jaf li kien kellem lill-avukat tieghu dwar dan. Ikkonferma li Reno ma kienx halla lil mart Charles Grech tmur ghand ommu biex taghmillha xaharha u lanqas biex tnaddfilha.

**Carmelo Grech in kontro-ezami a fol 925A** kompla jghid li meta missieru kien l-isptar, ommu cemplet mill-martu biex tmur tnaddfilha u Reno beda jcempel lil ommu biex hi tkecci lil mart Carmelo Grech. Grech ikkonferma li kien hemm tmintax-il (18) testament (Vide fol 925D). Ikkonferma li ommu qatt ma qaltlu li l-griehi li kellha kien ghamilhomlha Reno, ghaliex kienet tibza minnu. **Grech rega ta' rakkont tal-griehi kollha li kellha ommu, kif l-intimat ma kienx gabilha tabib bl-iskuza li kien Ghawdex, kif hu Charles gab it-tabib tieghu u kif haduha l-isptar fl-ambulanza u kif mietet wara gimgha. Xhed ukoll li kif gie t-tabib li cempel hu, l-intimat cempel lit-tabib tieghu li gie mil-ewwel – u ghalhekk kien ovvja illi dan it-tabib ma kienx Ghawdex.**
Carmelo Grech ikkonferma li fetah proceduri kriminali kontra l-intimat dwar serq ta' deheb u vjolenza fuq ommu u li x-xhieda tat-tabib tieghu Dr Stephen Spiteri tinsab a fol 351.

Charles Grech ikkonferma x-xhieda moghtija minnu inkluz li ommu kienet qabdet lill-intimat jghid lill-bejjiegha ta' fuq il-monti biex izommulha bi prezz gholi sabiex sabiex hu (l-intimat) jiehu d-differenza. (Vide fol 925I). Grech ikkonferma wkoll illi Reno kien ha l-flus li l-attur Joseph Grech kien iqieghed taht s-sodda tieghu. Grech xhed li ommu qaltlu li jekk ma thallielu xejn lill-intimat dan kien ser jiddesekralha l-qabar taghha (Vide fol 925K) bl-eskrement tieghu. Charles Grech kien perswas li l-intimat kien kisser il-lapida ta' ommu u huh Twanny – lapida li hu u huh kienu ghamlu fuq il-qabar taghhom.

**Mario Grech in kontro-ezami a fol 926** ikkonferma li l-intimat kien t-terrur tal-genituri tieghu. Jekk l-omm ma taghtix il-flus lill-intimat, kien jerfa' idejh fuqha u jkaxkarha mal-art. Jekk il-missier jidhol biex jaqbez ghal martu, kien jispicca imsawwat hu wkoll. Dawn l-affarijiet sar jafhom minn ghand il-missier wara l-mewt ta' ommu, meta missieru kien tkellem mal-ispettur Fabien Fleri. Mario Grech xhed li l-genituri tieghu ma kienux tkellmu qabel ghaliex ma riedux jaqilghu aktar inkwiet – **ghaliex bezghu li l-intimat jispara fuq xi wiehed minn hutu jew itajjarhom jew lit-tfal taghhom bil-karozza kif ghamel lit-tfal**

**ta' huh. "*Baqa' ghaddej minn fuqu bir-rota, bir-rota minn fuq saqajh.*"** (Vide fol 929). Mario Grech xhed li l-intimat kien iwassal lil ommu s'ghandu sabiex tigbor il-flus tal-uzufrutt. (Vide fol 931). Dawn c-cheques kien isarrafhom fuq l-idejn l-intimat u jiehu l-flus hu. Kif ghamel bic-cheque tal-income-tax ta' Twanny. Mario Grech ikkonferma wkoll illi l-intimat kien biegh l-ghamara tal-flat ta' Twanny lil inkwilina.

Mario Grech xhed illi minkejja li kien jistedinha, ommu kienet tmur ghandu mal-intimat biss ghall-flus tal-uzufrutt. Ikkonferma wkoll li d-dar tieghu fiha t-turgien u ghalhekk dawn kienu difficli ghal ommu.

**L-attur Joseph Grech a fol 944 ta' 90 sena** nnega li hu kien dejjem jiggieled ma' martu Maria Concetta, izda sostna li l-glied kien instigat mill-intimat ma' Maria Concetta Grech. Ikkonferma li l-intimat kien ikaxkar lil ommu Maria Concetta Grech fl-art u jsawwatha biex johdilha l-flus. Joseph Grech xhed illi sakemm kien ghadu f'sikktu, kien jiqaflu, izda wara li ghalaq tmenin (80) sena, ma kienx jiflah iktar ghalih. Innega li ma kienx jiehu pjacir li martu tonfoq fuq affarijiet tad-dar.

Joseph Grech xhed illi hu u martu ma kellhomx problemi finanzjarji u kellhom *joint Bank accounts* li kienu jixtru li hemm bzonn. Xhed li hu u martu kienu jillettikaw ftit jekk martu riedet tixri xi haga li ma kienx ta' prezzha. Ikkonferma li martu xtart zewg sufanijiet, funtana u television kbir.

Xhed li kienet ordnat kcina tal-plywood gdida meta hu kien hadem kcina tal-kewba mastizza u fuq din kienu illetikaw. Din kienet xi LM3000. Dawn l-affarijiet li xtrat martu kienu jiswew taht l- €20,000.

Meta bieghu l-art, l-attur sostna li sab LM5,000 nieqsa ghaliex l-intimat qabad u hadha bhala senserija. Mis- LM70,000 l-attur iddecieda li jiehu lil uliedu Lourdes u li nefaq xi LM20,000.

L-attur ikkonferma li martu qaltlu li binha l-intimat kien ta' daqqa ta' ponn f'ghajneja ghaliex ma ridietx ittih €12,000 li kien talabha. (Vide fol 950 – 951).

L-affarijiet tad-dar ma kienux nxtraw mill-bejgh tal-post il-ghaliex apparti l-pensjoni, l-attur u martu kellhom €700 fix-xahar li kienu jtuhom it-tfal minhabba l-uzufrutt tal-proprjeta' ta' Twanny.

Mistoqsi kif kien ikun jaf li l-intimat kien igielhla taghtih il-flus, l-attur jghid illi kien jinduna minhabba l-*black eyes* u t-tbengil li kien ikollha martu li mbaghad kienet tikkonfermalu.

Apparti minn dan, l-intimat kien johodha ghand n-Nutara biex thallielu kollox u ghalhekk l-attur u martu kienu jergghu jmorru u jhassru t-testment. (Vide fol 952)
Mitlub jghid kif jaf li l-*cruises* xtrahhom bil-flus ta' martu, l-attur jsostni li l-intimat kien ilu ma jahdem ghaxar (10) snin u siefer bil-flus ta' martu u *"li seraq mis-safe".* Il-flus mill-kera tal-appartament kien johodhom l-intimat bl-iskuza li kien hemm xi spejjes. (Vide fol 953)
Mitlub jghid kif kien jippermetti lill-intimat isawwat lil martu, l-attur xhed li qatt ma sawwatha quddiemu hlief ghal darba wahda u f'dik l-okkazzjoni, hu (l-attur) kien qam ghalih biex jipprova jwaqqfu, allavolja ma felahx ghalih.
L-attur rega kkonferma li kien jakkompanja lil martu biex jhassru t-testment li l-intimat kien igieghlha taghmel. (Vide fol 956)
L-attur ikkonferma li martu kellha akkonti Bankarji f'isimha biss u dawn kollha hadomlha l-intimat. (Vide fol 957).
Innega li saru xi spejjes fl-appartamenti taghhom b'nefqa ta' €10,000. Hu sostna li qatt ma saru reparazzjonijiet strutturali - ikkonferma li l-intimat dejjem xtara ilbies fin u tad-ditta. (Vide fol 959).
L-attur sostna li meta ra li mill-kontijiet Bankarji saru diversi *withdrawals*, mar il-Bank u ta' struzzjonijiet li jrid ikun hemm il-firem tieghu u ta' martu **flimkien** biex isiru aktar *withdrawals.* (Vide fol 980).

**Dr Joe Bugeja a fol 969** ezebixxa Dok JB1 – 9 li jindikaw t-*treatment* li hadet Maria Concetta Grech.

**A fol 983 – 986** gew ezebiti Dok A sa Dok D li huma d-dokumenti regwardaw c-cheques tar-refuzzjoni tat-taxxa.

**Gilbert Micallef a fol 990** ikkonferma li kemm Cettina kif ukoll Reno Grech gieli hadu kura f'St James Hospital u li kellhom l-istess indirizz.

**Ian Bugeja a fol 996,** Senior Manager Go xhed li ma jafx li kien hemm xi *promotions* tal-Go fejn kien hemm xi *cruises* ghal rebh.

**Angel sive Gina Santino a fol 1004** xhedet li meta kien miet Twanny Grech, ommu Cettina kienet haditha bi kbira. Kienet tmur izzurha kull nhar ta' Sibt. Kien ikun hemm zewgha u Reno prezenti. Xhedet li Reno kien ikun isajjar u li Cettina kienet tiehu l-kalmanti.

Xhedet li Nazzareno kien johodha tixtri l-bzonnijiet u li d-dar kienet nadifa. In kontro-ezami giet murija r-ritratti li jinsabu a fol 276 et seqq. Gina xhedet li qatt ma rat dawk l-ambjenti. Ma ftakkritx jekk kellhiex xi inkwiet bejn it-tfal. Mitluba tghid jekk kienitx tkellmet mal-pulizija fuq il-kwistjoni ta' wirt, irrispondiet li qaltilhom biss biex jiehdu hsieb ta' xulxin. Xhedet li Cettina ma qaltilhiex li Reno qatt hadha ghand xi nutar jew il-Bank. Xhedet ukoll li wiehed minn uliedha kien ghamel ghaliha u minn hemm ma baqghetx zzurha aktar.

**Fit-tieni xhieda tieghu Nazzareno Grech a fol 1018** sostna li missieru kien iqisu bhala il-*Black Sheep* tal-familja u dan ghaliex kien jingieb hafna ma' ommu. Missier Grech ukoll jaghmel preferenzi ma' uliedu l-ohra. Stqarr illi ir-ritratt ta' ommu Dok D a fol 273 kien mehud ftit minuti qabel mewtha.
Mitlub jghid kif garrbet il-*black eye* li tidher fir-ritratt imsemmi, l-intimat stqarr li ma kienitx *black eye* imma kien qabadha rih. (Vide fol 1020). Imbaghad qabditha puplesija.
Ikkonferma li Dok NGX sar minn ommu in rikonoxxenza ta' dak li kien ghamel maghha. Mistoqsi jekk meta infethet il-kamra tieghu b'ordni tal-Magistrati, il-hitan kienu miksija bil-pornografija, l-intimat cahad darbtejn. Ikkonferma li fl-istess karma kellu diversi armi. (Vide fol 1022).
Innega li r-ritratti li juru d-dehra ta' nuqqas ta' igene fid-dar, kienu, fir-realta, jirriflettu l-qaghda tad-dar - ***"saru wara dawn mhux ritratti ta' hemmhekk".*** (Vide fol 1023).

**Ian Bugeja a fol 1042 ikkonferma Dok IB** li jinsab fol 1028 li fih l-ismijet r-rebbieha ta' *promotions* li ghamlet il-GO. L-isem l-intimat mhuwiex wiehed minnhom. **Il-*cruise* fil-*Chistmas Competition* 2006 intrebah minn Mary Gauci f' Jannar 2007.** Kopja **tar-ritratt ta' din ir-rebbieha fil-gazzetta tinsab ezebita a fol 1032 – 1033**. Ir-ricerka saret minn Bugeja ma' l-impjegati ta' Go Mobile.

**Ikkonsidrat:**

Il-kawza tikkoncerna talba ghad-danni li l-intimat kkawza lill-atturi. Danni li allegatament gew kagunati minn serq, swat, nganni u nsulti parattikati mill-intimat fuq il-genituri anzjani tieghu.
L-intimat minn naha tieghu jinnega dana kollu, jghid li kien konsidrat bhala *black sheep* tal-familja ghaliex kien jingieb hafna ma' ommu.

**Il-provi migjuba mill-kontendenti huma diametrikament opposti.**

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:-

> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[7]

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Caruana et vs Joseph Vella et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Mejju 2016 intqal illi:

> "*Huwa prinċipju milqugħ li f'każ ta' żewġ verżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli jew possibbli, dan il-fatt għandu jmur kontra l-parti li tkun allegat il-fatt, u dan bi tħaris tar-regola ewlenija proċedurali li* onus incumbit ei qui dixit. *Iżda, mhux kull konflitt ta' provi għandu jwassal lill-Qorti biex ma tistax tasal bil-fehmiet tagħha għal soluzzjoni tal-kwestjoni, jekk kemm-il darba hija tasal biex tqis li xi waħda minn dawk il-verżjonijiet hija iżjed ta' min joqgħod fuqha mill-oħra;*
>
> *Illi dan jingħad għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi*

[7] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 24 ta' Novembru 1966.

> *waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Sakemm il-prova li tkun hija rilevanti għall-każ, ma jagħmilx differenza jekk dik il-prova tiħux is-sura ta' xhieda bil-fomm jew ta' dokument li jixħet dawl fuq l-aspett partikolari tal-każ. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha*."[8]

Inghad ukoll illi:

> "*fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja*."[9]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:-

1. *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[10]

**Ikkonsidrat:**

Il-kas in ezami pero' jitratta testimonjanza konfliggenti biss **fl-apparenza taghha**. Meta wiehed jezamina fil-fond ix-xhieda prodotta u jislet t-testimonjanza korrobrata minn Banek, Puluzija, xhieda ta' GO, xhieda ta' istituzzjonijiet finanzjarji u xhieda ta' ETC apparti dik

---

[8] Vide wkoll **Il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Bugeja.** Prim'Awla Qorti Civili deciza 11 Dicembru 2008.

[9] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri), deciza 25 ta' Gunju 1980.

[10] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri), deciza 24 ta' Marzu 2004.

tal-attur u l-ulied l-ohra tieghu, il-gudikant jibqalu biss xhieda ta' minn qed jghid s-sewwa u xhieda invertiera.

Dan hu kas ta' abbuz fuq genituri anzjani minn binhom l-intimat. Kas fejn l-omm (Maria Concetta Grech) tant kienet tibza' minn binha l-intimat, li rredigiet u hassret t-testment taghha ghal **sbatax-il darba** (17) u finalment ddezereditat lil binha l-intimat Nazzareno Grech.

Maria Concetta Grech b'mod specjali kif ukoll l-attur Joesph Grech ghexu hajja terrorizzata mill-intimat, li ghamel hiltu biex ibieghed lil genituri tieghu mill-ulied l-ohra, billi kien isakkar il-bieb ta' barra bil-firolli, jaqta' il-qanpiena tal-bieb ta' barra, jaqta' t-*telephone* tal-genituri tieghu, u kien sahhansitra jibdel *s-settings* tal-*mobile phone* ta' missieru anzjan u fl-ahhar iddistruggieh billi xehtu fl-ilma.

L-agir abbuziv tal-intimat jilhaq l-apice tieghu fl-iswat li kienet iggarrab Maria Concetta Grech f'idejn l-intimat biex iggielha ttih il-flus, flus li kienu mfaddla l-bank, f'kontijiet Bankarji, sakemm ghalqet diversi akkonti minnhom.

Dan l-iswat kien jidher mid-diversi dbengil li Maria Concetta Grech garrbet fuq gisimha u diversi *black eyes* li soffriet. Il-konvenut jipprova jghatti x-xemx bl-gharbiel u jghid li dawk ma kienux *black eyes* u li n-nefha f'ghajnejha sehhet minhabba li ommu kienet hadet rih.

Id-dbengil li Maria Concetta Grech kellha fuq idejha u dirghajha huma xhieda tal-mohqrija tal-intimat fuq ommu, li minn naha taghha, sabiex t-tfal l-ohra taghha ma jigux fil-ghali kienet tghattilu, u dejjem issiblu xi skuza – bhal *"tela' mieghi kelb", "hbattha mas-shade tal-karozza"*, etc..

Dawn l-iskuzi ma kienux skuzi fierha, frivoli jew kappriccuzi. Dawn kienu skuzi li Maria Concetta Grech kienet kostretta li taghmel ghaliex kieku hut l-intimat (kull wiehed m'ghola hawn), saru jafu il-verita', kien jinqala glied u gwaj kbir bejn uliedha.

Maria Concetta Grech kienet taf illi l-intimat kien izomm hafna armi f'darha - **infatti fil-kamra tieghu kien hemm arsinale shih**. Maria Concetta Grech kienet taf li binha l-intimat kien bniedem li jasal. **Infatti l-pulizija sabu fil-kamra tal-intimat ammont konsiderevoli ta' armi, mwies, snieter, airguns, revolvers, skieken, flick knives, crossbow bil-vlegga u harpoon, apparti kwantita konsiderevoli ta' munizzjon ghall-armi ndikati. (Vide fol 329 xhieda ta' PS Reuben Saliba).**

Ghalhekk wiehed jifhem ir-raguni l-ghaliex Maria Concetta Grech **ghazlet** li ma tikxifx dak li kienet qed ssofri tul is-snin, ma' zewgha u l-ulied l-ohra. Kien biss fl-ahhar ta' hajjitha, li bdiet tlissen xi ftit minn dak li soffriet, u dana biss lil zewgha.

L-iswat ma kienx biss dak li soffriet Maria Concetta Grech taht idejn l-intimat. Il-kwalita' u l-entita ta' hmieg u ntiena li l-intimat kien igieghel lil genituri jghixu fih, tindika ukoll livell gholi ta' mohqrija.

L-intimat kien izomm sitt (6) iqtates u kelb apparti t-tjur, fid-dar tal-genituri tieghu u jippermetti li dawn ihammgu gewwa minghajr ma jnaddaf warajhom. Mhux hekk biss, izda l-intimat kien waqqaf lil mart Carmelo Grech milli tnaddaf d-dar tal-atturi darba fil-gimgha. Ir-ritratti ezebiti Dok H sa Dok I, minn fol 276 sa fol 293 huwa xhieda inkontrovertibbli tal-istat ta' hmieg intollerabbli tad-dar tal-atturi.

Apparti l-iswat u l-hmieg u l-intejjen fid-dar, jirrizulta minn *compact disk* (CD) Dok Z fol 294 illi l-intimat kien jinsulta lill-genituri tieghu u jghajjarhom bl-aktar mod ahrax, baxx u vulgari, b'dagha repetut u mzewwaq sew.

Meta l-attur Joseph Grech finalment induna bil-*withdrawals* ta' sommom sostanzjali mill-*joint Bank Accounts* tieghu u ta' martu, l-intimat kien lahaq approfitta ruhu minn somma sostanzjali ta' flus. Illi ghalhekk ftit li xejn kien utli l-bdil ta' struzzjonijiet bankarji mahruga mill-attur Joseph Grech fejn eziga z-zewg firem tal-konjugi Grech ghal kull *withdrawal*.

Illi jirrizulta mid-dokumenti ezebiti minn Christine Borg ETC[11], illi l-intimat kien ilu ma jahdem effettivament mill-1984[12]. Minkejja li jghid li kellu hanut u li baqa' jahdem mid-dar, l-intimat naqas li jipproduci l-icken prova ta' dan u d-dhul tieghu minn dan n-negozju jew xi provi mid-dokumenti ta' taxxa jew VAT.

Eppure l-intimat irnexxielu jixtri Mercedes bi prezz ta' €13,500 bi tnaqqis ta' €2000 ghal Tercel li parta. Di piu' l-intimat baqa' jirrifjuta li jaghmel t-trasferiment tal-karozza f'ismu. Ix-xhieda ta' Stephen Attard[13], flimkien mal-evidenza Bankarja ta' kif sar il-hlas huwa xhieda inkontrovertibbli li din il-vettura xtrahha l-intimat bi flus Maria Concetta Grech.

Apparti dan kollu jirrizulta ammess, anki mill-intimat, li kien mar fuq zewg *cruises* minkejja li ma kienx jahdem. **Ir-rebh ta' dawn il-*cruises* mill-GO ma jirrizulta minn imkien. Anzi**

[11] Vide fol 437
[12] Vide Dok XX1 a fol 440
[13] Vide skrittura privata DokZ4 a fol 404

**jirrizulta propju l-oppost.** Fil-verita' il-*cruise* promoss mill-GO intrebah **minn certu Mary Gauci.**

Minkejja n-nuqqas ta' imjpieg jew introjtu iehor, l-intimat ghamel diversi investimenti sostanzjali kif jidher mix-xhieda ta' Jean Claude Bugeja[14] Dok JCB[15] ma' Island Financial Services Limited – investiment ta' **€31,833.60** u investiment iehor ta' 'l fuq minn **€6,531** investiti mal-istess kumpanija. Di piu' l-intimat kellu zewg (2) Life Insurance policies[16], wahda mil-liema *policy* giet imsarrfa mill-intimat f'ammont ta' **€52,994.87** permezz ta' **cheque mill- Bank Of Valletta bin-numru 015228[17] mhallas lill-intimat.**

Mix-xhieda prodotta jirrizulta illi mis-sena 2004 sas-sena 2008:

- LM70 fix-xahar kera ta' 27, St Anthony street, Marsascala – u cioe' LM70 X 12(il-xahar) X 4 snin = **LM3,360;**
- LM100 fix-xahar kera ta' Flat 4, Mary Flats, Triq id-Dugh, Marsascala – u cioe' LM100 X 12(il-xahar) X 4 snin = **LM4,800;**
- LM167 kull xahar kera ta' hanut li jinsab 21, St Domenic Street, Zabbar – u cioe' LM167 X 12(il-xahar) X 4 snin = **LM8,016;**
- Ghar-rigward tal-wirt ta' Twanny ma ngabx prova dwar l-entita' tad-dhul tal-imghaxxijiet;

Mill-akkonti bankarji tal-Bank Of Valletta – vide Dok numru 1 a fol 134 – fl-akkont numru 15101888019 saru s-segwenti *withdrawals:*

Bejn Dicembru 2004 u Dicembru 2005:

- Fil-25/12/2004 – LM 1,000
- Fil-23/04/2005 – LM 1,400
- Fis-27/04/2005 – LM 419.85
- Fil-17/05/2005 – LM 1,000
- Fil-08/06/2005 – LM 3,000

---

[14] Vide fol 475 et seqq.
[15] Vide fol 477
[16] Vide fol 503 u 504
[17] Vide fol 504

- Fit-08/06/2005 – LM 43.92
- Fil-01/07/2005 – LM 1,000
- Fil-01/07/2005 – LM 600
- Fil-11/07/2006 – LM 1,000
- Fil-11/07/2005 – LM 101.96
- Fil-25/08/2005 – LM 2,400
- Fil-19/10/2005 – LM 1,000
- Fil-27/10/2005 – LM 216.36
- Fil-08/11/2005 – LM 530
- Fil-02/12/2005 – LM 519.01
- Fil-15/12/2005 – LM 6,000

- **Total ta' - LM 20,231.09**

Bejn Jannar 2006 u Novembru 2006 mill-istess kont bankarju saru s-segwenti *withdrawals:*

- Fil-24/01/2006 – LM 2,000
- Fil-23/02/2006 – LM 1,000
- Fit-28/02/2006 – LM 38.22
- Fil-20/03/2006 – LM 30,150
- Fil-20/03/2006 – LM 211
- Fil-22/03/2006 - LM 500
- Fil-29/03/2006 - LM 1,000
- Fil-26/04/2006 – LM 1,000
- Fil-05/05/2006 – LM 60
- Fil-08/05/2006 – LM 500
- Fil-10/05/2006 – LM 60
- Fis-16/05/2006 – LM 500
- Fil-01/06/2006 – LM 618.28
- Fil-26/06/2006 – LM 1,000
- Fil-10/07/2006 – LM 3,050
- Fit-28/08/2006 – LM 600

- Fil-04/09/2006 – LM 1,000
- Fil-15/09/2006 – LM 130.96
- Fil-05/10/2006 – LM 19.33
- Fil-10/10/2006 – LM 1,600
- Fis-07/11/2006 – LM 19.34
- Fis-27/11/2006 – LM 150
- Fit-28/11/2006 – LM 300
- Fil-30/11/2006 – LM 538.36

- **Total ta' – LM 46,045.49 mil-liema somma jrid jitnaqqas s-somma ta' LM 30,150, liema somma ingibdet mill-attur Joseph Grech.**

- **Total ta' - LM 15,895.59**

Bejn Dicembru 2006 sa Jannar 2008 saru s-segwenti *withdrawals* mill-istess *joint bank account* ta' l-attur Joseph Grech u martu Maria Concetta Grech:

- Fit-28/12/2006 – LM 128.81
- Fit-28/12/2006 – LM 8,000.11
- Fil-31/01/2007 – LM 250
- Fil-31/01/2007 – LM 19.41
- Fis-06/02/2007 – LM 190
- Fil-20/03/2007 – LM 1,000
- Fil-10/04/2007 – LM 18.44
- Fil-09/05/2007 – LM 18.37
- Fil-22/05/2007 – LM 194.43
- Fil-31/05/2007 – LM 100
- Fil-02/06/2007 – LM 150
- Fil-02/06/2007 – LM 1,000
- Fis-27/06/2007 – LM 60
- Fit-30/06/2007 – LM 18.15
- Fit-07/08/2007 – LM 18.15

- Fit-30/08/2007 – LM 350
- Fit-12/09/2007 – LM 1,000
- Fil-01/11/2007 – LM 17.03
- Fil-08/11/2007 – LM 1,000
- Fit-13/11/2007 – LM 120

- **Total ta' – LM13,652.90**

Bejn Dicembru 2003 sa Lulju 2006 mill-kont bankarju tal-Bank Of Valletta f'isem Cettina Grech numru 15101860011 (Vide fol 206, 205, 204) hargu s-segwenti *withdrawals*:

- Fil-14/01/2004 – LM 19.27
- Fis-27/01/2004 – LM 223.32
- Fil-20/04/2004 – LM 20.94
- Fis-17/05/2004 – LM 16.31
- Fil-14/06/2004 – LM 44.81
- Fis-17/11/2004 – LM 1,140
- Fis-27/01/2005 – LM 86.15
- Fil-14/04/2005 – LM 90
- Fit-23/03/2005 – LM 19.68
- Fil-14/04/2005 – LM 219.60
- Fil-09/05/2005 – LM 200
- Fis-27/07/2005 – LM 2,500
- Fit-02/08/2005 – LM 155.03
- Fit-02/08/2005 – LM 300
- Fis-17/08/2005 – LM 1,000
- Fid-19/09/2005 – LM 200
- Fid-19/10/2005 – LM 500
- Fis-16/01/2006 – LM 224.17
- Fil-05/05/2006 – LM 5001.25
- Fil-11/04/2006 – LM 197.97
- Fil-05/05/2006 – LM 200

- Fis-17/07/2006 – LM 44.77

- **Total ta' – LM 12,403.27**

Jirrizulta minn kontijiet bankarji tal-Bank of Valletta a fol 217 illi l-kont bankarju numru **15101860037 inghalaq** fid-29 ta' Jannar 2008 fl-ammont ta' **LM 3182.50.** Di piu' il-kont bankarju mal-istess bank numru **15101860040 inghalaq** fit-8 ta' Novembru 2007 bil-*withdrawal* ta' **LM 4,000.**

A fol 867 jidher il-*withdrawal* ta' **LM 8,245** mill-Global Capital lill-intimat permezz ta' Bank Draft numru 573766 a fol 865 waqt illi l-kumplament inghataw fi flus kontanti.

Ghaldaqstant meta wiehed jghodd s-subtotals fuq indikati jirrizulta s-segwenti:

- LM 3,360
- LM 4,800
- LM 8,016
- LM 20,231.09
- LM 15,895.59
- LM 13,652.90
- LM 12,403.27
- LM 3,182.50
- LM 4,000
- LM 8,245

- **LM 93,786.35 – hu l-ammont totali.**

Fir-rigward tad-deheb li nsteraq mill-intimat, l-Qorti tikkusnidra il-valur tad-deheb *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' **LM 2000**, cioe total ta':

— **LM 95,786.35**

Minn dan l-ammont il-Qorti tifhem illi il-konjugi Grech zburzjaw ammonti ghal ghixien taghhom mil-bidu tas-sena 2004 sa l-ahhar tas-sena 2007, u din il-Qorti tifhem illi b' LM400 fix-xahar apparti l-pensjoni, l-koppja u binhom l-intimat, kienu jghixu hajja dicenti. Ghaldaqstant minn dak l-ammont fuq indikat irid jitnaqqas:

**LM 400 X 12 (-il xahar) X 4 (snin) = LM 19,200.**

Di piu' il-Qorti tgharaf illi ma jehtiegx tnaqqis ulterjuri ghall-btala tal-familja shiha tieghu lejn Lourdes li swiet lil attur Joseph Grech LM 20,000 il-ghaliex minn fol 191 tal-process jirrizulta illi il-kumplament tal-flus mil-bejgh tal-propjeta tal-art cioe l-ammont ta' LM 50,000 u mill-prezz ta' **LM 70,000** gew debitament depozitati fil- *joint bank account* fit-23 ta' April 2004.

Ghaldaqstant l-intimat ghandu jghati lill-atturi s-somma ta:

**LM 95,786.35 – LM 19,200 = LM 76,586.35**

**Ekkwivalenti ghall = € 178,586.35**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi fil waqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Nazzareno Grech, tilqa' t-talbiet tal-atturi:**

1. **Tiddikjara li l-intimat Nazzareno Grech ikkawza danni lill-atturi rikorrenti;**

2. **Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bl-agir tieghu;**

3. **Tillikwida d-danni konsegwenzjali subiti mir-rikorrenti fl-ammont ta' mija, tmienja u sebghin elf, hames mija, sitta u tmenin ewro u hamsa u tletin centezmu (€ 178,586.35);**

4. **Tikkundanna lil intimat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija tmienja u sebghin elf, hames mija, sitta u tmenin ewro u hamsa u tletin centezmu (€ 178,586.35);**

**Bl-imghax mid-data ta' din s-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjes kontra l-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**